**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020.**

**Rikors nru: 119/2014 AGV:**

**AB**

**vs**

**CB** (karta tal-identita' numru 0402463M) u b'digriet tat-3 ta' April, 2019 l-Avukat Dr. Andre' Borg assuma l-atti bhala mandatarju tal-istess konvenut

Il-Qorti,

Rat ir- rikors guramentat ta' AB, datat 3 ta' Gunju 2014**,** fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat:-

1. Illi l-attrici izzewwget lill-konvenut fil-Knisja ta’ San Gwann gewwa Ta’ Xbiex, fil-21 ta’ Jannar, 1989 (**DOK A**) wara korteggjament u gherusija ta’ ghaxar snin u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, DB illi twieldet fit-18 ta’ April 1992 (illum maggorenni).

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, inkompatabilita’ ta’ karattru, sevizzi eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

3. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza ta’ separazzjoni kontra zewgha bi digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-29 ta’ Mejju, 2014 (**DOK B**).

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-attrici kienet kostretta tipprezenta din l-istanza principalment minhabba l-adulterju tal-konvenut zewgha.

5. Illi l-kontendenti flimkien ifformaw bejniethom u gestew flimkien negozju ta’ agenzija ghall-bejgh ta’ propjeta bl-isem Citypro Limited.

6. Illi fit-18 Jannar tas-sena 2013, il-konvenut telaq mid-dar konjugali. Fiz-zmien illi huwa telaq mid-dar, il-konjugi ma kellhom ebda problemi bejniethom izda l-attrici kienet indunat illi fix-xhur precedenti zewgha kien kwiet fil-presenza taghha u generalment biered lejha. Huwa kien jilmenta illi kien mghobbi bix-xoghol u t-tabib tal-kontendenti kien qallu illi kien qieghed jbati minn stress.

7. Illi sa fejn fehmet l-attrici, il-konvenut mar jghix f’ appartament wahdu ghaliex ried il-hemda tas-solitudni. Fil-fatt pero’ kien mar jghix ma’ habib tieghu ghal ftit xhur u imbaghad beda jghix f’ appartament wahdu gewwa Sliema. F’ dak iz-zmien u sakemm l-attrici skopriet bl-adulterju tal-

konvenut zewgha, hija ghamlet li setghet biex tirrikoncilja ma’ zewgha u tikkonvincih jirritorna d-dar. Fuq talba tieghu, ghaliex skont il-konvenut, kien ahjar illi ma jiltaqghux fix-xoghol, l-attrici ma baqghetx tmur fin-negozju tal-kontendenti.

8. F’ Novembru 2013, l-attrici rat mara b’ tarbija hierga mill-appartament (ossija *maisonette)* tal-konvenut u avvicinata mill-attrici stqarret illi kienet qeghda tghix f’ appartament ma’ habib. Minn daqshekk, l-attrici mhux biss bezghet illi zewgha kien f’ rapport adulteru ma’ din il-mara izda ukoll ili kellu tarbija minn dak ir-rapport. L-attrici minnufih cemplet lil zewgha b’ dak li rat u huwa ammetta l-ezistenza tar-relazzjoni u evita d-domanda tal-attrici dwar il-paternita’ tat-tarbija.

9. Illi ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser ghal kollox, l-attrici bdiet il-process ta’ medjazzjoni bil-hsieb illi l-kontendenti jaslu ghall-akkordju dwar id-divizjoni tal-gid taghhom. Hija bassret illi fuq is-sahha tad-diversi konversazzjonijiet illi kellha mal-konvenut qabel ma bdew dawn il-proceduri, id-divizjoni tal-assi kommuni ma kienetx sejra tipprezenta diffikultaijiet kbar.

10. Illi gara appuntu l-oppost. Fix-xhur ta’ diskussjonijiet illi saru mill-kontendenti wara li beda l-process ta’ medjazzjoni, il-konvenut beda jinsisti illi l-attrici kellha tieqaf minn kwalsiasi partecipazzjoni fin-negozju u beda sistematikament jahbi l-informazzjoni minnha u jittenta jeskludiha, anke fizikament min-negozju u jipprova jmexxi n-negozju unilateralment. F’ Mejju tas-sena 2014, il-konvenut zied fil-pressjoni illi kien qieghed jaghmel fuq martu biex taccetta sehem ridott mill-gid u f’ diversi incidenti separati habat ghaliha u sawwatha, dahal fid-dar konjugali, ha diversi oggetti minn hemm, hadilha l-karozza illi kienet tuza, zammha fizikament milli tidhol fin-negozju u milli taccedi ghall-informazzjoni tal-kumpanija.

11. Illi dawn il-fatti, maghduda mal-fatt illi n-negozjati matul il-medjazzjoni ma kienu qeghdin jwasslu ghal ebda progress, wassal lill-attrici sabiex titlob l-gheluq tal-process ta' medjazzjoni u l-presentata ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

i. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

ii. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

iv. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

v. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

vi. tillikwida l-krediti parafernali ossija pekunarji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

vii. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

viii. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

ix. Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha.

x. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CB datata 21 ta' Gunju, 2014 fejn kkonferma u espona bir-rispett:-

1.Illi l-esponenti jeccepixxi li z-zwieg tkisser irrimedjabilment tort tal-attrici peress li kienet ta' sikwit targumenta mieghu, tkun dominanti u anke f' xi drabi uzat vjolenza morali fuqu apparti sevizzi, ingurji gravi, u eccessi kif ukoll minhabba inkompatibbilita' ta' karatttru attribwibbli kollha lill-attrici, liema ragunijiet holqu stress kbir lill-esponent.

2.Illi l-attrici ma qdietx uhud mill-obbligi taz-zwieg u anke ghamlet kundizzjonijiet li jaffettwaw serjament il-hajja mizzewwga jew l-aspettativi taghhom, u li fost l-ohrajn  abbandunat lill-esponent intimament ghal snin twal.

3. Illi fi kliemha stess l-attrici kellha kwistjonijiet karatterjali u psikologici sforz  it-trobbija taghha meta kienet izghar u li dan il-fatt impinga fuq il-hajja matrimonjali tal-koppja.

4. Illi mhux minnu li l-attrici ppruvat issalva z-zwieg  anzi kienet hi illi holqot il-problemi u anke kellha atteggjament difficli waqt il-medjazzjoni tant li fixklet separazzjoni kunsenswali.

5. Illi kien propju l-esponent illi pprova jsalva z-zwieg billi mar sessjonijiet ta' terapija familjari sabiex jifhem l-komportament ta' martu u kif ghandu jiggestixxi is-sitwazzjoni xejn felici ta' bejniethom.

6. Illi ghalkemm ghal, diversi drabi, l-esponent kien tkellem mal-attrici sabiex tibdel l-attitudni taghha fil-konfront tieghu billi z-zwieg kien sejjer lura, l-attrici uriet bic-car li ma kienetx lesta tbiddel l-atteggjament taghha.

7. Illi ghalhekk ma ghandux jigi applikat l-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili fil-konfront tal-esponent izda jekk dan ghandu japplika, dan ghandu jkun fil-konfront tal-attrici.

8. Illi ghalkemm l-esponent ghamel xi zmien jirrisjedi f' appartament f' Tas-Sliema fuq parir tal-Psikjatra, hu kien informa b' dan lill-attrici u anke taha c-cwievet ta' fejn kien  qed joqghod.

9. Illi matul il-process tal-medjazzjoni, l-attrici ghamlet talbiet eccessivi u impossibbli tant li fallew it-tentattivi li jintlahaq ftehim bonarju u kellha b'hekk tinfetah din il-kawza.

10. Illi llum il-gurnata, l-attrici ghandha f' idejha l-kotba tal-bank u l-access ghad-depoziti kollha tal-komunjoni u tan-negozju, id-data tan-negozju, apparat iehor, kif ukoll qed tfixkkel l-operat billi tkecci lill-haddiema u taghti ordnijiet li ma humiex fl-interess tan-negozju.

11.Illi ghalhekk ma huwa minnu xejn li l-attrici hija prevja minn informazzjoni illi tappartjeni lin-negozju, anzi ghall-kuntrarju, hija l-istess attrici li ghandha access ghad-dokumenti kollha, posta, computers u rekords tal-kontabbilita',

12. Illi fil-waqt li n-negozju kiber u rnexxa bis-sahha tal-esponent, li ghalih dan l-istess negozju kien ix-xoghol primarju, l-attrici qed taghmel kull tentattiv sabiex tkisser in-negozju, tbieghed il-klijenti u tiehu decizjonijiet irrazzjonali bl-intiz pikuz li tfarrak dak kollu li bena' l-esponent.

13. Illi l-attrici mhix intitolata ghall-ebda retta alimentarja peress li hija tahdem b'paga tajba u ghandha introjtu iehor minn kirjiet, filwaqt li l-esponent ma ghandu l-ebda salarju fiss.

14. Illi dan huwa kkonfermat mill-ilbies designer li tixtri, hrug u mill-vaganzi extravaganti illi l-attrici taghmel kull tant gimghat, ghall-kuntrarju tal-esponent li ma ghandux biex ihallas l-ispejjez bazici tieghu.

15. Illi l-esponent ma ghandu l-ebda oggett dotali u / jew parafernali tal-attrici u ghalhekk ma ghandux x' jaghtiha, anzi hija l-attrici illi ghandha taghti lill-esponent xi oggetti parafernali u personali tieghu li hallihom id-dar matrimonjali fejn ma ghandux access ghalihom.

16. Illi l-attrici qed icahhad lil-esponent mill-access ghal certi kmamar fid-dar tant li kellu jsir rapport lill-Pulizija dwar dan.

17. Illi l-esponent jaqbel mal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, b' mod li l-assi jinqassmu f' zewg porzjonijiet indaqs bejn il-partijiet.

18. Illi d-dar matrimonjali u l-ghamara taghha ghandhom jigu likwidati u li kull parti ghandha tghix ghal rasha wara li ssir id-divizjoni tal-assi.

19. Illi kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-krediti parafernali fil-waqt illi jinqasam il-piz tal-krediti tal-komunjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri premessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-medjazzjoni kontra l-attrici.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Mark Simiana datat 2 ta' Mejju, 2018, flimkien mal-verbali tas-seduti u d-dokumenti esebiti quddiemu.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Godwin Abela datat 10 ta' Jannar 2019.

Rat ir-risposti ulterjuri tal-istess perit tekniku, datati 3 ta' Ottubru, 2019, ghall-mistoqsijiet li saru mill-konvenut in eskussjoni.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**FATTI**

1.L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut ta' Sliema meta kellhom 16-il sena u bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Il-konvenut kien jahdem gewwa l-ironmongery store ta' missieru, izda peress li ma tantx kien ihallsu, bl-ghajnuna tal-ġenituri taghha kienet sabitlu impjieg gewwa l-Liliana Hotel fejn kien jahdem iljieli b'mod alternat.

Kienu zzewwgu fil-21 ta' Jannar, 1989 u dak iz-zmien fid-dar matrimonjali kien ghad fadal li jsir l-irham fit-tarag u kamra tal-banju. Dak iz-zmien kienet tahdem hafna u tghid li kellha paga tajba. Ma kienx l-istess ghall-konvenut li kien sab ruhu b'inqas paga. Kien iddecieda li jbiddel ix-xoghol u beda jahdem bhala travel representative ma' Edrichton Holidays, rapprezentanti tal-ILG.

Ftit wara, peress li kienet inbidlet l-imghallem taghha u ma tantx kienu jmorru tajjeb flimkien, iddecidiet li kien ikun ahjar jekk tbiddel xogholha u hekk ghamlet. Fi tlett gimghat bdiet tahdem bhala personal assistant mal-Advanced Telecommunications full-time. Sadanittant, il-konvenut kien gie offrut il-possibilita' li jmur jahdem bhala travel representative gewwa Cipru. Il-konvenut kien beda jinsisti mal-attrici li riedha takkumpanjah u sa fl-ahhar kienet telqet mill-impjjieg taghha u kienet marret tghix mieghu Cipru. Irrizulta, tghid l-attrici li ma tantx kienu damu Cipru u sa Jannar, 1990 kienu rritornaw Malta. Sadanittant peress li l-kumpanija fejn kien jahdem il-konvenut kienet falliet, huwa kien spicca sab xoghol bhala tour operator ma' Sunset Holidays, Imbaghad, meta kien miet missieru kien ipprova jibda jmexxi l-ironmongery u jhallas il-kera lil ommu.

L-attrici tispjega li hi kienet toqghod fil-hanut tul ix-Xitwa u fis-sajf kienet tahdem bhala travel representative u kien f'dan il-mument li ddecidew li jibdew familja u kellhom it-tifla D. Kienet sabet hafna ghajnuna minghand ommha u kien ghalhekk li setghet terga' tmur lura ghax-xoghol. Peress li fil-frattemp kien inbeda x-xoghol f'Tigne', ix-xoghol fil-hanut tal-ironmongery kien naqas u kienu ghalhekk bdew jimpurtaw il-hwejjeg ta' Disney u jbieghhom mhux biss mill-hanut taghhom, izda minn hwienet ohra. Kien biss meta t-tifla D kienet bdiet tmur l-iskola li l-attrici kienet iddecidiet li ssib impjieg iktar flessibbli ghas-sajf u kienet impjegata ma' Ideal Dwellings bhala property consultant.

Tkompli tghid li eventwalment, il-konvenut kien telaq mill-industrija tat-turizmu u wara li kien ghamel xi zmien jahdem maghha l-Ideal Dwellings, fejn kien iltaqa' ma' EFG u ddecidew li jifthu agenzija tal-proprjeta' flimkien u bdew il-kumpanija « Euromatics Investment ». Kien imbaghad xoljew il-kumpanija u tghid li l-konvenut kien biddel il-kumpanija li kellhom flimkien ghal « Real Time Real Estate Ltd. » Ftit wara kien rega' beda jahdem ma' EFG u fethu kumpanija ohra ghall-bejgh tal-proprjeta' "Quick Sale" u f'dak iz-zmien kienet bdiet tahdem

maghhom. Kien ukoll fetah kumpanija ma' HI jisimha « CityPro Ltd" li kienet intiza sabiex tinbiegh il-proprjeta' l-Belt.

L-attrici tispjega li filwaqt li l-konvenut kien beda jiehu hsieb il-kumpanija l-Belt hi kienet tiehu hsieb l-ufficcju ta' Sliema. Kienet tiehu hsieb ukoll l-amministrazzjoni tal-kumpaniji. Eventwalment HI kien telaq mill-kumpanija CityPro Ltd. u kienet dahlet bhala co-direttur tal-kumpanija, kif ukoll bhala azzjonista u *company secretary*. Kienu ukoll bdew ibieghu l-proprjeta' gewwa Sqallija u kien hemm post gewwa Ispica, li spiccaw xtrawh flimkien mal-kugini taghha JK u  LM u din ghadha kongunta sal-lum.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien kontinwament jara kif ser jidhol f'diversi progetti u kien rega' fetah kumpanija ta' *estate agency* bi shab li kien jisimha "Malta My Home." Imbaghad kien insista maghha li jixtru l-Popular Bar il-Belt biex johloq Real Estate Café' u dan minkejja tghid l-attrici li hi ma kinitx daqshekk kuntenta li jidhlu fil-*catering*. Biex irrangaw dan il-bar ghall-cafe' kien hemm diversi xogholijiet ta' restawr u tghid l-attrici li kienu nefqu hafna flus. Minkejja li l-attrici kienet tipprova diversi drabi biex tigbed ghajnejn il-konvenut li kienu qed joperaw b'telf kien ighajjarha qammiela.

L-attrici kienet baqghet tahdem fil-real estate, filwaqt li l-konvenut u binthom kienu jiggestixxu r-Real Estate Café'. Kienet tbiegh proprjeta' pero' tghid li l-flus li kienet taqla' bhala *commission* kienu jispiccaw jigu investiti fil-café'. Minhabba li d-dhul li kienu qed jaghmlu ma kienx bizzejjed kienu spiccaw xi proprjetajiet li kellhom il-belt u hafna mid-dhul gie injettat gos-socjeta' CityPro Ltd.

Meta l-familja kienet qed tbati finanzjarjament, l-attrici kienet sabet impjieg m'ohtha li kienet taf bil-qaghda taghhom u riedet tghinha. Peress li x-xoghol

taghha kien jinvolvi l-ivvjaggar, il-konvenut kien imur maghha ta’ sikwit ghax kollox kien ikun imhallas mill-kumpanija.

Bintha kienet spiccat is-Sixth Form Junior College u riedet tiehu sena tahdem il-Café. L-attrici kienet kontra dina l-ideja, izda ma kienx l-istess ghall-konvenut li xtaqha tibqa’ l-hanut. Kien hawn li bintha saret taf lil certu N li kien izghar minnha, izda kien ikun hdejhom il-hanut. L-attrici kienet opponiet ghal fatt li bejn bintha u dan N kien hemm xi tip ta’ relazzjoni, izda minn wara daharha, il-konvenut kien accettaha, bir-rizultat li binthom iktar bdiet tingibed lejn missierha.

Kienu xtraw ukoll maisonette fi Strada Stretta u kellha bar tahtha. Kienu xtrawha bl-intenzjoni li bint il-partijiet setghet tikrih u l-bar maghruf bhala Carmen’s bar kien tqieghed ghall-kera.

Fl-2012 kienu bieghu proprjeta’ f’Tigne’ Point u l-*commission* kien ammont sostanzjali. Minn dakinhar, l-attrici tispjega kif il-konvenut kien qallha li minn dakinhar ‘l quddiem kien ser jibda jamministra l-finanzi tieghu. Il-commission kien jammonta ghal  cirka €95,000  u l-konvenut kien sarraf parti kbira taghha u hbieha d-dar u ma kienx taha soddisfazzjon ta’ xejn.

L-attrici tkompli tghid li kien f’dan iz-zmien, li l-konvenut beda jinbidel fl-imgieba tieghu. Kien ighid li ghandu hafna stress u anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kien naqsu sew u kien imbezza’ li l-attrici kienet tinqabad tqila. Kienet ghalhekk issuggerit li jmur btala mal-YMCA fejn kienu qed jorganizzaw kors gewwa s-Slovenia dwar films u hemm kien iltaqa’ ma’ certu OP, li dahal impjegat maghha u ma tantx kien igibha. Il-konvenut kien iqatta’ hafna hin mieghu u kien jidhol tard filghaxijiet.

Meta waslu ghal 25 sena anniversarju, l-attrici kienet ippjanat li jmorru weekend San Lawrenz, Ghawdex, izda dakinhar il-konvenut kien uriha d-dubbji tieghu fuq ir-relazzjoni taghhom u kien telaq mid-dar. Kien ried zmien biex jahseb u ghalhekk lanqas kienet baqghet tinzel l-ufficcju ta' CityPro.

L-attrici tkompli tinsisti li kienet ghamlet minn kollox sabiex issalva z-zwieg taghha u lanqas kienet taf li l-konvenut kien qed imur ghand psikologu Dr. Refalo. Saret taf ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certu QR u li minn ghandha kellu tarbija. Kienet indunat ghax kienet ratha hierga mill-maisonette fejn kien joqghod il-konvenut u kienet ikkonfrontatha.

Tispjega ukoll li hija kienet tircievi paga mis-socjeta' Bel, izda bejn Gunju u Ottubru, 2013 ma kienx hemm fondi bizzejjed biex tithallas is-sigurta' socjali u kien ghalhekk li l-konvenut kien qallha li ghal dawk ix-xhur kienet ser tithallas is-somma ta' €1,500 u effettivament, apparti illi kienu ftit lanqas thallsu kollha.

Dwar l-assi tispjega l-attrici li omm il-konvenut kellu bzonn tifdi c-cens tal-proprjeta' li kellha f'79, The Strand, Sliema li kien ser jaghlaq fl-2015. Spiccaw li hi u l-konvenut kienu ssellfu l-flus minghand ohtha ST sabiex jithallsu Lm13,000 kif ukoll it-taxxa ta 1% fis-somma ta' Lm1,300 biex seta' jsir konvenju twil.

Kien anke akkwista proprjeta' Bormla fejn iddecieda li jifthu ufficcini hemmhekk.

B'referenza ghas-sena 2004 tghid ukoll li l-konvenut kien akkwista proprjeta' f'Bormla u ma kien qalilha b xejn. Kien hemm anke applikazzjonijiet mal-MEPA sabiex dina l-proprjeta' ssir boutique hotel u kien wieghed lit-tifla li kienet ser tiggestixxi l-progett u setghet tghix fuq. Tul il-proceduri ta' separazzjoni, l-attrici

tkompli tghid li kienet qed isirilha hafna pressjoni minn binthom biex fis-separazzjoni tiddikjara li dina l-proprjeta' tinghata lilha u titnehha mid-divizjoni tal-assi, izda l-attrici ma kinitx disposta li taghmel dan sakemm kienet taf fic-cert kif kienu ser jigu maqsuma l-assi. Illum it-tifla tal-partijiet tghix m'ommha, izda lanqas tkellimha.

Bint il-partijiet, flimkien mal-konvenut ghamlu hilithom sabiex jeskludu l-attrici mis-socjeta' CityPro Ltd u kienu anke krew l-ufficcini tal-Belt u Borma lil terzi u kien ghalhekk li kellha tiftah kawza l-Qorti li ghadha pendenti quddiem l-Imhallef Miriam Hayman – 786/14.

Meta fit-22 ta' Mejju, 2014 ippruvat tidhol l-ufficini tal-Belt giet aggredita mill-konvenut u fil-fatt hemm procedura quddiem il-Magistrat Aaron Bugeja, dak iz-zmien u sadanittant gew mibdula s-serraturi tal-istess ufficcini. Meta regghet marret l-ufficcju fit-28 ta' Mejju, 2014, l-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien hadilha l-karozza bin-numru ta' registrazzjoni MIF 501 u kienet baqghet bla karozza. Il-konvenut kien zamm ukoll il-vettura tieghu KA bin-numru ta' registrazzjoni MIF 502.

L-attrici kkonfermat li l-konvenut kien talab *access* fuq l-overdraft ta' Citypro Ltd. fl-ammont ta'  Lm12,000 u minkejja li opponiet mal-bank dawn il-flus inhargu u ngibdu mill-kont tal-kumpanija u gew iddepositati fil-kont tat-tifla. Izid tghid li l-kumpanija Citypro baqghet topera u tbiegh il-proprjeta', izda l-ebda flejjes ma kienu qed jigu ddepositati fil-kontijiet bankarji tal-istess kumpanija u konsegwentement kellha tipprocedi bi proceduri ta' stralc kontra l-istess socjeta'. Bdew jigru warajha vari kredituri bhad-Dipartiment tal-VAT u l-FIAU. Minflok il-flus kollha qed jigu ddepositati go kont bankarju iehor f'isem bint il-partijiet DB bl-isem CityPro Royale bin-numru tal-VAT 2192-6332.

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien dahal fid-dar matrimonjali darbtejn bla ma avzaha u kien ha diversi oggetti, flimkien ma’ jewel box mimli deheb u fidda li kienu tal-attrici u kellhom valur ta’ Lm9000.

Kien sar konvenju ukoll quddiem in-Nutar Joel Grima fid-9 ta’ Dicembru, 2016 fuq il-proprjeta’ 69/3 Merchants Str, Valletta u li kienet tappartjeni lis-socjeta’ Real Time Real Estate Ltd. Tispjega li kienu hallsu depositu fl-ammont ta’ Lm20,000 tal-prezz ta’ €200, 000.

Dwar id-dar matrimonjali, l-attrici tispjega li kienu hadu plot tal-Gvern f ‘Pembroke, wara li isimhom tela’ bil-polza. Tghid li kienet harget il-flus li kellha mgemmghin u l-flus li kienu fadlulha l-genituri taghha. Il-konvenut kien mar id-Dipartiment tal-Lands biex jiffirma l-kuntratt u kien iffirma f’ismu. Kienu ukoll applikaw ghal-loan, izda ukoll inhareg f’isem il-konvenut. Peress li l-attrici ma kinitx kuntenta b’din is-sitwazzjoni, kienu marru ghand in-Nutar Herbet Cassar fejn permezz ta’ skrittura privata ddikjaraw li d-dar kienet taghhom it-tnejn,

Spiccaw li kienu bnew *terraced house* b’zewg sulari u washroom, b’semi-basement u 2-car garaxx u dan kien sar qabel ma zzewwgu.

L-attrici esebit diversi dokumenti ohra dwar l-introjtu minn diversi proprjetaijiet.[1]

2. Il-konvenut jikkonferma li kien ltaqa’ mal-attrici meta t-tnejn kellhom 15-il sena. Il-konvenut jikkonferma li kellu relazzjoni tajba hafna mal-genituri tieghu, filwaqt li missier l-attrici kien maghruf li jixrob u kien vjolenti m’ommha, li minn

[1] Doks. AMA, AMB, AMC AMD, AME

naha taghha kienet it-tip li ma kinitx thalliha ghaddejja lixxa. Kien jaraha stramba li kienu jsejjhu lil missierhom b'ismu.

Ighid ukoll li kienu kkunsmaw iz-zwieg taghhom fil-gurnata li zzewwgu, izda jghid li l-attrici kien hassha hazin u kienet tidher skomda minhabba l-intimita'. Ikompli jghid li l-problemi fl-intimita' baqghu u ma kienx ikollhom x'jaqsmu iktar minn erba' darbiet f'sena u generalment kien ikun hu li jiehu l-inizjattiva. Hass li b'dan l-atteggjament kienet qed tonqos mid-dmirijiet taghha bhala martu.

Il-konvenut jispjega li l-attrici kellha problema ta' ndafa u organizzazzjoni u ghalhekk id-dar dejjem kienet tkun mqallba u mahmuga. Kienet ukoll possessiva u dejjem riedet kontroll assolut fuqu inkluz flus! L-istess kienet tipprova taghmel mat-tifla, li fil-fatt ma tantx kienet tikkomunika maghha. Kienet gejja minn familja, fejn in-nisa kienu dominanti hafna.

Jispjega li l-attrici ma kellhiex fiducja fih u kienet tghir ghalih ukoll. Pero' kemm il-darba kien ighidlilha sabiex izzomm ruhha biex tibqa' aktar attrajenti. Kellhom problemi ukoll ghaliex filwaqt li hu ried ikabbar lill-familja tieghu, l-attrici ma riditx. Kienu inkompatibbli ukoll ghal dak li jirrigwarda l-pjanijiet f'hajjithom. L-attrici kien mohha biss fil-flus u li kwazi kwazi kienet irrassenjata li kulma riedet taghmel ghamlitu, filwaqt li l-konvenut kien hass li issa ladarba kienet kibret it-tifla kienet setghu jibdew igawdu, Kien mohhha izda biss fix-xoghol u anke meta kien jasal id-dar, il-konvenut jispjega li l-attrici kienet taghmillu interrogazzjoni. Kienu ukoll differenti in kwantu l-attrici kienet passiva wisq u ma tantx kellha ambizzjonijiet u kien il-konvenut stess li pprova jikkonvinciha sabiex timxi 'l quddiem.

Dawn il-problemi bdew joholqu impatt negattiv fuq il-konvenut u kien ghalhekk li kien mar ifittex parir professjonali minghand il-psikologu Dr. Ian Refalo, qabel

ma jghaggel fid-decizjonijiet tieghu. Kien ghalhekk li kien issuggerilu li jghix wahdu sabiex jirkupra mentalment u beda jhossu ahjar.

**Negozju**

Dwar in-negozju, il-konvenut jispjega li ghalkemm kien ipprova diversi impjiegi, izda x-xoghol principali tieghu kien fir-*real estate*. Ighid li l-attrici ma kellhiex ghalfejn tahdem, izda xorta kien mohha fil-flus u baqqghet tahdem u kien hemm zmien fejn kienet tahdem f'postijiet mhux mieghu. Eventwalment kien halla n-negozju ta' CityPro Ltd. f'idejn l-attrici, filwaqt li hu kien iktar iffukat fuq bini ta' blokka f'Tas Sliema. Izda jghid li tul dan il-perjodu l-attrici kienet kecciet l-impjegati kollha, kienet ghamlet hafna dejn u ma bdewx isiru sales.

Izid ighid li l-attrici kienet tiehu hsieb l-accounts tal-kumpanija, pero' ma kellhiex ideja, li spiccaw sallum ma jafux x'dahal u hareg. Malli rega' involva ruhu sew, bdew mixjin tajjeb regghu u finanzjarjament kienu tajjeb, tant li anke l-Bank kien jikkoopera maghhom ghax kien jaf li kellhom negozju tajjeb. Ighid ukoll li l-kirijiet li kienu jdahhlu minn ta' Sliema u l-Belt li kienu jammontaw ghal xi €45,000 qatt ma rahom u ma jafx x'kienet ghamlet bihom l-attrici.

Minn mindu bdew bil-proceduri ta' separazzjoni, il-konvenut jistqarr li l-attrici qiedgha ssiefer f'postijiet 'l boghod u tonfoq eluf ta' flus, li l-paga taghha ma twassalx ghal dawn il-vakanzi. Xtrat karozza sportiva Cabriolet bin-numru ta' registrazzjoni SUZ 555 u din mhux qieghda f'isimha. Bhala vetturi jsemmi li kellhom Mitsubishi Pajero u Ford Ka. L-ahhar li kien ra dina l-vettura kienet il-garaxx fid-dar matrimonjali f'Pembroke, izda mbaghad ma rahiex iktar.

Matul il-perjodu, il-konvenut ighid li l-attrici riedet akkost ta' kollox li tibqa' involuta fin-negozju, izda kienet tmur biex tikkreja l-problemi u sahansitra kellha

xi tghid ma' wahda mis-segretarji. Minhabba f'hekk, il-konvenut iddecieda li ma riedix tidhol iktar fl-ufficini tal-kumpanija.

Sar jaf ukoll tul dan il-perjodu li l-attrici kellha diversi kontijiet bankarji f'isimha u ghalhekk ma kienx sorpriz li ma kienx sab daqshekk flus fil-kontijiet kongunti. Fil-fatt, sar jaf ukoll li l-attrici kienet sellfet diversi flejjes lil ohtha u flimkien kienu xtraw id-dar t'ommha li kienet tiswa' €27,000.

Jispjega ukoll li peress li l-attrici ma kinitx qed thallih jidhol fid-dar matrimonjali, ma kienx qed jircievi l-posta u ghalhekk ma kinux qed jithallsu l-kontijiet tal-Vat u taxxa.

Il-konvenut ikompli jinsisti li kien wissa' l-attrici biex jipprova jsolvu d-divergenzi fiz-zwieg taghhom, izda kien ghalxejn u kellu jimxi lejn il-pass ta' separazzjoni.

3. DB bint il-partijiet, tghid li tfulitha kienet wahda normali. Missier u ommha kienu jitkellmu hafna fuq ix-xoghol peress li kienu jaghmlu l-istess xoghol. Meta kellha xi 16-il sena bdiet tinduna li ta' sikwit kien qed ikun hemm dizgwid bejn il-genituri taghha, partikolarment ghax missieru kien ikollu progetti f'mohhu u l-attrici li kellha kontroll fuq il-flus kienet izommlu. Tghid li l-konvenut ma kienx ihobb jitkellem fuq ix-xoghol meta kienu imur lura d-dar, izda l-attrici kienet l-hena taghha.

Tghid ukoll li kienet tara nuqqas ta' affett bejn il-genituri taghha u kien dejjem missierha li kien jiehu l-inizjattiva sabiex ighannaq jew ibus lill-attrici. Kien hemm problemi ukoll relatati mat-tfal. Il-konvenut ried li jkollu iktar tfal, izda l-attrici ma riditx, l-aktar minhabba x-xoghol u flus, u kienu jispiccaw jiggieldu. Meta l-attrici kienet tkun imsiefra fuq xoghol, il-konvenut kien ighid lil bintu li

kien ihoss li r-relazzjoni tieghu mal-attrici kienet qisha iktar *business partnership*. Bla ma uriet lill-konvenut, kienet tkellmet mal-attrici dwar kif kien qed ihossu l-konvenut.

Kellha xi tghid mal-attrici fuq l-gharus taghha. L-attrici ma kinitx taqbel u oggezzjonat ghal din l-gherusija. Il-konvenut minn naha tieghu mhux ghax accetta r-relazzjoni, izda wissa' lil bithom biex toqghod attenta. L-attrici hasset li kienu gejjin minn klassijiet socjali differenti ukoll.

Bint il-partijiet tikkonferma li l-konvenut kien taha prokura, izda sa fejn kienet tiftakar ma kinitx ghamlet uzu minnha. Tispjega li l-attrici kellha relazzjonijiet tajbin hafna mal-familja taghha u anke kuginitha kienet tkun hafna d-dar taghhom, qabel ma beda l-inkwiet. Tikkonferma ukoll li zijitha S kienet tkun taf hafna dwar il-qaghda finanzjarja tal-familja taghha u dan sabiex tipprova tghin. Iktar tard tghid li l-attrici  marret tahdem ma' zitha S.

Bhala vetturi tikkonferma li kellhom Pajero, Ford Ka u Fiesta. Entrambi l-genituri kienu jaghmlu uzu mill-Pajero. Meta nfirdu, tghid li l-attrici kienet xtrat karozza ohra u l-konvenut kien jaghmel uzu mill-Pajero. Il-Ka kienet tkun ipparkjata fil-garaxx mad-dar ta' Pembroke, pero' din mil-lejl ghan-nar ghebet u kienet ghamlet rapport. Zmien wara dan ir-rapport, waslulha diversi citazzjonijiet fuq din il-vettura, inkluz fuq *overspeeding.* Kienet indunat imbaghad li din il-vettura kienet tinstab f'Pembroke hdejn Juno Flats, fi stat traskurat. Tghid li wahda mit-toroq fejn inghatat citazzjoni hija fejn joqghod UV, kollega tal-attrici u l-ohrajn kienu fl-inhawi tal-Mosta u Naxxar. Bint il-partijiet tghid li mal-pulizija kienet wahlet fl-attrici, ghax hi u ommha biss kellhom cavetta ghal din il-karozza.

Présentement tispjega li l-funzjoni taghha fis-socjeta' CityPro Ltd hija li tghin missierha l-konvenut. Minghand Citypro Ltd tikri l-proprjetajiet 7 u 8 Triq Santa

Tereza, Cospicua kif ukoll il-fond 65, 66 Strada Merkanti, Valletta. Il-fond ta' Cospicua illum issullokatu lil WX li qed jiehu hsieb ix-xogholijiet. Tikkonferma li kienet sabet lil Ventura tramite YZ li kien sensar, pero' *freelance.* Tikkonferma li Ventura jhallasha €100 kuljum.

Esebit ukoll konvenju datat 9 ta' Dicembru, 2016 li sar quddiem in-Nutar Joel Grima fuq proprjeta' 69/3 Merchants Str, Valletta u liema proprjeta' tappartjeni lil Real Time Real Estate Ltd u lil Caps Doc. Ltd. Id-depozitu ta' €20, 000 fuq prezz ta' €200, 000 l li gie ddepositat man-Nutar.

Tghin lil missierha fis-sens li taghmel *marketing* tal-proprjetatjiet tal-kumpanija u tghinu fil-qadi tieghu personali peress li m'ghadux ighix Malta, izda tikkonferma li sallum ghandu sehem importanti fil-kumpanija.

Tispjega ukoll li sa fejn taf il-kumpanija mhux qed titmexxa minn ufficcju, izda minn fuq it-telephone u meta jkun hemm bzonn li jinzammu meetings, dawn isiru fil-post mikri lilha f'Cospicua, fejn ghad hemm is-sinjal ta' CityPro Ltd.

Tkompli tghid li wara s-separazzjoni, ommha l-attrici kienet theddidha li ma thalli xejn mill-kumpaniji b'mod specjali CityPro Ltd. Wara li bdew bis-separazzjoni, kienu qed jahdmu fuq progett go Palazzo l-Isla u l-pjan kien li jkun hemm *boutique hotel* u kien ser jinbena *penthouse* fejn kien il-pjan li tirrisjedi hemm. Gara li filwaqt li missierha kien iffirma biex tiehu dina l-proprjeta', l-attrici rrifjutat u kienet tinsisti maghha li l-progett ma kienx ser jirnexxi.

Bint l-attrici tikkonfema li l-attrici ma tantx kienet thobb tonfoq il-flus u ma kinitx taqbel mal-karita' li kien jaghmel il-konvenut, ghax kienet tghidlu li l-karita' tibda d-dar.

Ikkonfermat ukoll li mill-firda ‘l hawn l-attrici siefret kemm il-darba.

4. WX kkonferma li kien iffirma skrittura privata ta’ kiri tal-fond 65/66, Merchants Str, Valletta u kienu ffirmaw hu u DB. Jikkonferma li fuq l-iskrittura kien hemm annotamenti bil-lapes li kien nizzel hu qabel ma giet iffirmata l-iskrittura. Jikkonferma li ma’ din il-kirja kellu hafna ntoppi ghax kien hemm xi problemi fuq xi permessi u multi mal-MTA minhabba xi tinda. Spicca nefaq xi €130,000 biex ikun jista’ jopera. Kien hallas minnhom €42, 000 kera u dawn thallsu sena bil-quddiem. Sar jaf b’dawn il-problemi wara li kienet avvicinatu l-attrici, li qatt ma kien iltaqa’ maghha qabel. Kienet infurmatu ukoll li fuq dan il-post hi kellha sehemha, kif ukoll il-konvenut.

Ighid li kien hallas is-somma ta’ €25, 000 u €16, 500 oltre l-VAT, kif ukoll tlett xhur kera bil-quddiem, minghajr Vat.

Ighid li l-kera kien hallasha u dejjem hallas lill-attrici.[2]

4. Audrey Ghigo in rapprezentanza ta’ HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm diversi kontiiet f’isem il-konvenut li lkoll jinstabu maghluqin :-

a. current account numru 022122460 ;[3]
b. savings account 024092127 ;[4]
c. savings account 024103994 ;[5]
d. loan account numru 30003525.[6]

[2] Dok. AM
[3] Dok AG1
[4] Dok AG 2
[5] Dok. AG 3
[6] Dok. AG 4.

F'isem l-attrici kkonfermat li sabet is-segwenti kontijiet:-

i) savings account 002030898050 ;[7]
ii) current account 033364787001 ghadu miftuh ;[8]
iii) Visa account 4568821002580418. [9]

Kontijiet kongunti rrizultaw is-segwenti:-

i) Current account numru 002023752001 u ghadu miftuh.[10]

Fir-rigward tal-kumpanija CityPro Ltd. (C 26902) sabet is-segwenti kontijiet:-

i) Kont current numru 023091802001, ghadu miftuh;[11]
ii) Kont current numru 023091802001 maghluq.[12]

Rigward il-kumpanija Real Time Real Estate Ltd. sabet is-segwenti kontijiet:-

i) Kont current 023017658001 ghadu miftuh;[13]
ii) Kont current 021005142 maghluq u li qabel kien jismu Mifs Plus Ltd ;[14]
iii) Kont current 022119532 maghluq ;[15]

---

[7] Dok. AG 5
[8] Dok. AG 6
[9] Dok. AG 7
[10] Dok. AG 8
[11] Dok. AG 9

[12] Dok. AG 10
[13] Dok. AG 11
[14] Dok. AG 12
[15] Dok. AG 13

Rigward il-kumpanija CP & 77 Ltd sabet kont kurrenti 033299660001 maghluq.[16]

Dwar kontijiet tal-konvenut ma' terzi, ix-xhud ikkonfermat li kien hemm kont kurrenti numru 021010715 bejn il-konvenut u EFG u dan il-kont kien inghalaq fis-7 ta' April, 2000.[17]

Esebit ukoll diversi dokumenti biex tikkonferma min kienu s-signing officers tal-kumpaniji CityPro Ltd., Real Time Real Estate Ltd u CP&77 Ltd.[18]

Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li bejn it-28 ta' Awwissu, 2014 u t-13 ta' Gunju, 2017 kien hemm xi tibdiliet fil-kontijiet bankarji tal-partijiet. F'isem il-konvenut kien hemm kont bankarju savings bin-numru 03382094050 li nfetah fil-21 ta' April, 2015.[19]

Bhala kontijiet kongunti kien hemm kont numru 002023752001 u dan inghalaq.[20] Il-flus li kien hemm iddepositati gew trasferiti fil-kont savings numru 03382094050, li huwa kont f'isem il-konvenut. [21]

F'isem il-kumpanija Mifs Investments Ltd. (C 29657) ma kienx hemm kontijiet.

[16] Dok. AG 14
[17] Dok. AG 15
[18] Doks. AG 16 – AG 19

[19] Dok. AMB 1
[20] Dok. AMB 2

[21] Dok. AMBA 1

F'isem il-kumpanija City Pro Ltd. (C 26902) hemm kont kurrenti numru 033091802001 li ghadu attiv. [22]

F'isem il-kumpanija Real Time Real Estate Ltd. (C 18609) kien hemm kont kurrenti numru 033017658001 li huwa maghluq. [23] Dan il-kont kien inghalaq mill-Bank peress kien ilu ma jintuza ghal sena. Kienet baghtet il-flus permezz ta' bank draft fl-ammont ta' €479.36.

Ikkonfermat ukoll li fuq is-socjeta' CP & 77 Ltd u Café' del Mar Ltd ma sabet xejn.

5. Romuald Attard, in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc., ikkonferma li sab is-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut:-

i) Erba' credit cards f'ismu wahdu;[24]
ii) Kont kongunt ma' terz;

F'isem l-attrici sab sitt kontijiet,[25] wiehed minnhom maghluq.[26]

Fir-rigward tas-socjeta' Real Time Real Estate Ltd (C 18609) sab erba' kontijiet u kont wiehed huwa maghluq[27].

Dwar is-socjeta' Mifs Investments Ltd. (C 29657) sab 3 kontijiet[28] u kont wiehed huwa miftuh.[29]

---

[22] Dok. AMB 3
[23] DOk. AMB 4
[24] Doks. RA 1 – RA 4
[25] Doks. RA 12 – RA 17
[26] Dok. RA 12
[27] Doks RA 18 – RA 21
[28] Doks. RA 20

[29] Dok. RA 22

Fuq il-kumpanija CityPro Ltd (C 26902) kien hemm sitt kontijiet u lkoll ghandhom attivi.[30]

Fuq il-kumpanija Café' de Mar Ltd (C 36510) kienet sabet kont wiehed li ghadu miftuh, [31]

Fuq il-kumpanija CP &77 Ltd. (C 44196) kien sab zewg kontijiet li kienu ghadhom miftuhin.[32]

6. Joseph Caruana, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li kien hemm kont kurrenti bejn il-konvenut u 123 li kien ilu mhux attiv sa mis-17 ta' Gunju. 2008, liema kont kien inghalaq imbaghad f'Gunju. 2014.[33]

Ix-xhud esebixxa diversi kontijiet u dokumenti relatati mas-socjeta' Citypro Ltd.[34], esebixxa ukoll diversi dokumenti relatati mas-socjeta' CP & 77 Ltd. [35] kif ukoll dawk relatati mas-socjeta' Real Time Real Estate Ltd.[36]

Fir-rigward tal-attrici kien hemm savings account, zewg current accounts kif ukoll savings account iehor.[37]

---

[30] Dok. RA 25 – RA 30
[31] Dok. RA 31
[32] Dok. RA 32 – RA 33.

[33] Dok. JC 1 u JC 27
[34] Doks. JC 2 – JC 7
[35] Doks. JC 8 – JC 10
[36] Dok. JC 11 – JC 13
[37] Doks. JC 14 – JC 17

Kien hemm ukoll kontijiet kongunti.[38]

7. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, fil-kapacita' taghha ta' Senior Manager Litigation fl-Ufficcju Legali pprezentat seba' rendikonti aggornati tal-kontijiet f'isem il-konvenut.[39]

Tikkonferma li hemm seba' kontijiet kongunti mal-konvenut.

Dwar l-attrici esebit rendikonti ta' tlett kontijiet fejn kienu saru xi transazzjonijiet.[40]

Esebit ukoll rendikonti tas-socjetajiet CityPro Ltd, Mifs Investments Ltd Real Time Real Estate Ltd, CP&77 u Café Del Mar Ltd.[41]

Regghet xehdet biex tikkonferma x'kontijiet kien ghad hemm minn Mejju, 2016.

I) 8 Kontijiet kongunti [42];
II) 5 kontijiet f'isem is-socjeta' CityPro Ltd. li ghadhom kollha miftuhin;[43]
III) 3 kontijiet fuq is-socjeta' Real Time Real Estate Ltd., izda kellha rendikont wiehed biss, ghax fuq iz-zewg kontijiet l-ohra ma sarux transazzjonijiet;[44]
IV) Mifs Investments Ltd. kien ghad hemm kont wiehed, izda ma kienx hemm transazzjonijiet u ghalhekk ma giex esebit rendikont;
V) Café' Del Mar Ltd. ma kienx hemm kontijiet;

[38] Doks. JC 18 – JC 26
[39] Doks. JB 1 – JB 7
[40] Doks. JB 8 – JB 10
[41] Doks. JB 17 – JB 20
[42] Doks. JBA 1 – JBA 8
[43] DOk. JBA 9 – JBA 13
[44] Dok. JBA 14

VI) Socjeta' CP & 77 Ltd. kien hemm kont wiehed miftuh, izda bla transazzjonijiet.

Oht l-attrici kkonfermat ukoll li kienu saru numru ta' *call-in-letters* ghall-kontijiet ta' CityPro Ltd, kif ukoll Real Time Real Estate Ltd.[45]

7. 45, awditur tas-socjeta' CityPro Ltd ighid li dina s-socjeta' ghadha attiva u pprezenta l-*audited accounts* tal-kumpanija minn meta bdiet sas-sena 2011.[46] Dwar l-audited accounts tas-sena 2012 ighid li kollox lest, izda baqa' l-approvazzjoni tad-diretturi u kien hemm ukoll diversi kwistjonijiet ghal din is-sena u gew risolti mill-konvenut u l-konvenut kien tah l-approvazzjoni tieghu. Dwar is-sena 2013, ighid li m'ghandux dokumenti.

Ix-xhud jispjega li kien hemm zball f'ircevuta tal-VAT u minflok tnizzel l-ammont ta' €95, 000 tnizzel €15, 000 b'hekk kien hemm diskrepanza ta' VAT dovuta fis-somma ta' €12, 203. Id-differenza u cioe' s-somma ta' €80, 000 tnizzlet bhala profit, li minnhom €67, 7979 huwa dhul u l-bilanc huwa VAT.

Spjega ukoll li fl-2011 kien hemm is-somma ta' €255, 294 bhala shareholders loan u dan jirrapprezenta €92, 119 ammont dovut lil Bank of Valletta fuq loan tal-partijiet personali sabiex jassistu l-kumpanija u l-bilanc huwa dovut lill-partijiet. [47] Fl-2012 kien hemm €143, 981 skond id-draft accounts. Ighid li dan l-ammont kien nizel minhabba li kien hemm diskrepanza bejn dak depozitat fil-kotba bankarji tal-kumpanija u dak ffatturat mill-istess kumpanija skond il-kotba tal-istess kumpanija. Fil-fatt dan il-loan kien tnehha minn dan il-kont u gie muri f'kont iehor. Ma' dan l-ammont ghandu jizdied ukoll l-ammont ta' €87, 212 li

[45] Doks. JB 21 – JB 25
[46] Doks. RV 1 – RV 11
[47] Dok. RV 13

fid-*draft accounts* huwa indikat bhala loan personali minghand il-Bank of Valletta plc. Jispjega ukoll li jirrizulta ghalhekk li s-shareholders loan huwa ta' €231,193 meta maghdud fil-mod spjegat.

Id-diskrepanza kienet fl-ammont ta' €94, 276 u parti minn din id-diskrepanza kien minhabba l-izball tal-Vat imsemmi iktar 'l fuq. Wara li sar l-aggustament, kien ghad hemm diskrepanza u attribwixxa dan lejn is-shareholders loan u ghalhekk kien hemm zieda fis-shareholders loan li jikkalkula kienet tammonta ghal cirka €15, 000. [48] Jikkonferma li d-differenza kienet tammonta ghal €80,000.

Spjega li d-differenzi bejn id-depositi u l-fatturi kienu minhabba li kien hemm depositi bankarji netti ta' €127, 276, mentri bejgh iddikjarat fid-draft accounts eskluz l-VAT huwa ta' €98, 058 u bil-VAT inkluz kien jammonta ghal €115, 707. Id-differenza ta' €14, 500 kienu s-shareholders loans. Ghalhekk spiccaw zdiedu s-shareholders loans u kien hemm numru ta' pagamenti mill-kumpanija lis-shareholders b'total ta' €72, 399.[49] Ighid ukoll li kien hemm pagamenti tas-shareholders lill-kumpanija ta' €45, 928. Dan wassal sabiex is-shareholders loan jonqos ghall-ammont ta' €231, 193.[50]

Jikkonferma ukoll li kien hemm xiri ta' coffee shop fis-somma ta' €10, 323, li ma gewx accettati bhala spejjes tal-kumpanija u minflok tnaqqsu mis-shareholder's loans.

Kien hemm ukoll bilanc iehor indikat bhala "related party balance" u dan kien jikkonsisti f'ammont dovut minn CityPro Ltd. lil Real Time Real Estate Ltd u fl-2011 dan l-ammont kien ta' €65, 895 u fl-2012 mid-draft accounts kien jidher li

[48] Dok. RV 16
[49] Dok. RV 14
[50] Dok. RV 15

kien ser  jitnaqqas ghal €55, 561 u dan peress li kien hemm pagamenti li saru minn CityPro Ltd ghal Real Time Real Estate Ltd ghall-ammont ta' €10, 334.[51]

Dwar il-konvenut, ix-xhud jikkonferma li kien jigi rrenumerat b'paga ta' €1, 000 fix-xahar u l-paga tieghu tirrizulta minn *nominal ledger account* iehor.

Dwar il-hanut fi Triq Merkanti u l-ufficcini f'Strada San Paolo, flimkien mal-mobbli go fihom, jirrizulta mill-financial statements esebiti.[52] Jirrizulta li sal-ahhar tas-sena 2011 kienet intefqet is-somma ta' €379, 907, illi minnha s-somma ta' €159,669 intefqet ghall-akkwist tal-proprjeta' u l-bilanc intefaq ghall-*improvements*. Jikkonferma li l-infiq ghas-sena 2012 kien ta' €1, 172 u dawn kienu *improvements.*

8. QR, tikkonferma li présentement qiedgha f'relazzjoni mal-konvenut u ghandha tifla 6 minghandu. Kienet iltaqghet mieghu xi erba ' snin ilu. Tghid li llum toqghod fl-indirizz Veduta Gardens, Flat 2, Triq Emanuel Giordano, Gzira, li huwa t'ommha. Dwar il-fond St.Anthony Str, Sliema, tikkonferma li joqghod fih il-konvenut. Tiffrekwenta dan il-fond minhabba l-konvenut, l-aktar fil-weekends, izda gieli tkun ghaddejja minn hemm u tmur tara lill-konvenut. Ma jfissirx li kull weekend torqod hemm u tghid li lanqas kienet xi haga regolari li torqod hemm kuljum jew li damet iktar minn jumejn.

Dwar bintha 6, tghid li ghall-ewwel kienet registrata fuq missier mhux maghruf, izda mbaghad il-konvenut kien mar maghha ghand avukat u kien irrikonoxxa t-tarbija, li kienet twieldet fl-10 ta' Frar, 2013.

[51] Dok. RV 12.
[52] Ara pg. 11 Dok RV 11

Ix-xhud tinnega li ghandha xi konnessjoni mas-socjeta' CityPro Ltd u tinnega ukoll li tircievi xi manteniment minghand il-konvenut. Tghid li ma tahdimx u ghalkemm il-konvenut ighin bl-ispejjes li jirrigwardaw it-tifla, fil-maggorparti tmantniha hi. L-uniku introjtu taghha huwa mis-sigurta' socjali u jghinuha l-genituri taghha. Ir-relief kien zdied b'mitt Euro u dan wara li kellha t-tifla, liema ammont jibqa' sakemm ma tahdimx u ma tghix mal-konvenut, kif ukoll u t-tifla tigi rregistrata.

Ix-xhud tikkonferma li kienet taf li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali, ghax kien imdejjaq u f'dak iz-zmien tametti li diga' kienu f'relazzjoni u kien ftit qabel ma twieldet 6.

Meta f'Novembru, 2014 kienet iltaqghet mal-attrici hija hierga mill-fond fejn joqghod il-konvenut présentement, kienet qaltilha li kienet tikri dan il-post, ghax hekk kien giha f'mohhha dak il-hin. Tghid ukoll li llum ghandha cavetta ghal dan il-post ghax il-post m'ghandhux qanpiena.

78 huwa accountant u awditur tas-socjeta' Mifs Investments Ltd u Real Time Real Estate Ltd. u esebixxa l-annual reports u financial statements ta' dawn iz-zewg kumpaniji mis-sena 2005 sas-sena 2013 ghar-rigward Mifs Investments Ltd u sas-sena 2012 ghas-socjeta' Real Time Real Estate Ltd. Dwar is-socjeta' tal-ahhar, ix-xhud spjega li meta pprezenta r-rapport, id-direttur u cioe' l-konvenut m'approvajhomx ghax ried spjegazzjoni ulterjuri rigward transazzjonijiet bankarji bejn l-azzjonisti u l-kumpanija relatata CityPro Ltd. Dan l-iktar irrizulta peress li l-bilanci kienu jidhru fil-kotba ta' CityPro, li taghha ma kienx awditur. Real Time Real Estate Ltd. kellha tiehu s-somma ta'€110, 785. Is-sena precedenti kienet ta' €55, 561.

Dwar VAT u income tax ighid li dawn il-kumpaniji ma kellhomx dhul u ghalhekk ma kienx hemm taxxa. Il-mizati tieghu kienu jithallsu mill-attrici permezz ta' cekk tal-kumpanija BEL Ltd. L-attrici kienet ukoll ghan-nom tas-socjeta' Mifs Investments Ltd qed thallas l-annual returns tas-sena 2013 u 2014 billi taghmel pagamenti ta' €140 kull darba b'cekk mis-socjeta' Bel Ltd. L-istess kien gara ghall-annual return tas-socjeta' Real Time Real Estate Ltd.

Dwar 'l ghaliex il-hlasiijiet saru minn fondi ta' terzi, jispjega li kien icempel lill-attrici u kienet tmur tiffirma u taghtih ic-cekk. Kien jibghat liz-zewg partijiet dejjem.

9. UV, jikkonferma li jaf lill-attrici ghax kien jahdem maghha. Ighid li f'Mejju, 2014, oht l-attrici ST kienet marret l-ufficcju tal-Belt u nfurmatu li kienet sejra l-Ghassa ta' Bormla, ghax skond D, bint il-partijiet, il-konvenut kien hebb ghall-attrici. Kienu marru fil-fatt Pembroke ghand l-attrici, ghax sadanittant kienet tinstab hemm. Ighid li l-attrici kienet uriet lil ohtha xi daqqiet u peress li ma kienx fil-kamra ma setax ra xi daqqiet. Kienu mbaghad marru l-poliklinika tal-Gzira u mbaghad hadhom sabiex jaghmlu rapport l-ghassa ta' Bormla. Kien iddecieda li jghin lil oht l-attrici peress li ma kinitx f'posizzjoni li ssuq.

Jikkonferma li dejjem ra lill-attrici ssuq Pajero, partikolarment filghodu ghax kienu jipparkjaw fl-istess post, sakemm kienet qaltlu li l-konvenut kien hadilha.

Jikkonferma li llum jahdem ma' AP Supplies Ltd, fejn hu azzjonist u direttur, flimkien ma' oht l-attrici u l-attrici tahdem ma' Bel Brand jew St. George, izda kienu jaqsmu l-ufficcju. Pero' kienet tkun hafna ukoll fl-ufficini ta' CityPro Ltd.

Ix-xhud jikkonferma li hu u l-attrici gieli ltaqghu fil-weekends, minn mindu l-partijiet bdew bil-proceduri ta' separazzjoni. Izid ighid li qabel kienu johorgu flimkien bhala koppji.

10. ST, oht l-attrici tispjega li l-partijiet kienu nvoluti f'diversi negozji qabel ma kellhom dak li ghandhom illum. Kienu jbieghu t-tours lit-turisti, imbaghad kienu fethu ironmongery li kien hanut ta' missier il-konvenut. Imbaghad kienu wkoll fethu hanut tal-hwejjeg ta' Disney, f' Rue D'Argens, Sliema u xi ghoxrin sena ilu kienu bdew bin-negozju tar-*real estate.* L-attrici kienet tahdem ma' Ideal Dwellings u meta l-konvenut kien spicca qieghed, kien mar jahdem maghha ukoll. Kienu eventwalment fethu negozju ghar-rashom u kienu shab ukoll ma' xi terzi.

Dwar il-proprjeta' tal-genituri tal-konvenut f' The Strand. Sliema, tghid li kienet b'cens tal-Knisja li kien jaghlaq fl-2015 u wara li miet missieru, il-konvenut ried jifdi c-cens biex tkun tista' tibqa' tghix hemmhekk ommu. Hutu ma kinux disposti li jhallsu l-flus sabiex jifdu dan ic-cens, izda mbaghad kienu lahqu ftehim, fejn hallas id-depozitu biex jinbeda l-process. Ix-xhud tghid li kienet selfithom €34,000 ghal dan il-ghan u cioe' 10% tal-prezz tal-fidi li kien jammonta ghal Lm130, 000. Ikkonfermat li l-fidi kien sar u kienet thallset is-somma kollha meta sar il-kuntratt fl-2012.

Tkompli tghid li l-partijiet kienu fethu ufficcju fi Triq St. Anthony, Sliema minn fejn kienu jiggestixxu n-negozju Real Time Real Estate Ltd u kienu shab ma' HI li kien ukoll id-designer tal-ufficcju, fis-socjeta' Citypro Ltd. Din is-socjeta' kienet titmexxa mill-ufficcini l-Belt, fejn kien ikun il-konvenut. Eventwalment tghid ukoll, l-ufficini li kellhom fi triq St. Anthony, Sliema kienu nkrew lilha biex tiggestixxi l-kumpaniji taghha. Tikkonferma li gieli kienet thallas il-kera lill-

attrici u gieli lill-konvenut.[53] Il-kera kienet tithallas minn Kaspar Ltd. Esebit elenku tac-cekkijiet li juru l-hlasijiet tal-kera.[54]

Dwar in-negozju tal-partijiet, ix-xhud tikkonferma li kien negozju erratiku. Kienu jaghmlu l-flus mill-bejgh tal-proprjeta', ghax kien hemm drabi li kienet tidhrilhom fuq il-kuntratti, pero' kienu jonfqu iktar u ma kienx ikollhom flus ghal certi affarijiet u taf bhala fatt ghaliex kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet sellfithom xi flus. Tikkonferma li kien hemm problemi finanzjarji u kienu hadu parir professjonali. Peress li kienu t-tnejn self-employed, kien gie suggerit lilhom li wiehed minnhom isib impjieg sabiex ikollu paga fissa. Kienet impjegat l-attrici maghha u xogholha kien jirrigwarda *merchandising* biex tippromuovi avvenimenti barra minn Malta.

Ix-xhud tkompli tghid li fejn setghet ippruvat tagevolhom billi kienet kriet xi proprjeta' minghand il-partijiet, kif ukoll kienet xtrat proprjeta' minghandhom.

Tispjega li l-ewwel darba li saret taf li l-partijiet kellhom inkwiet fiz-zwieg, kien meta l-konvenut kien telaq mid-dar. Ippruvat titkellem mal-konvenut u tipperswadih jerga' jahsibha, pero' kien infurmaha li diga' kellu l-ghajnuna u ma kellu l-ebda intenzjoni jipprova jirranga l-affarijiet mal-attrici.

Ix-xhud tichad li kienet hadet xi self minghand il-partijiet. Li kien hemm kien li kellha invoice mahruga minn Mifs Plus Ltd u kienet inkluza fil-kumpanija taghha. Dan kien gara xi darbtejn. Dwar in-negozju ta' proprjeta' tghid li kien hemm okkazzjonijiet meta kienet dehret ghan-nom tal-partijiet, peress li kienu jkunu ukoll sensara u ma jkunux riedu juru lill-venditur l-involviment taghhom fil-kumpanija akkwirenti. Fuq l-att finali mbaghad kien jidher il-kompratur finali

[53] Doks. CAB
[54] DOK CAE

li jkun gie mdahhal fin-negozju minflok il-kumpanija li biha jkun sar il-konvenju. Meta kienet tidher fuq il-konvenji kienet tidher ghan-nom taghha personali, bi ftehim mal-partijiet u minghajr kumpens.

Dwar il-proprjeta' ta' Triq St. Paul, Valletta, ix-xhud tispjega li peress li kienet hallset ghar-*refurbishment* ta' dan il-post, li ma kienx mikri lilha, kienet gieli zzomm il-kera hi akkont tal-kreditu taghha u gieli kienet tghaddiha lill-attrici. L-ispejjes ghar-refurbishement gew prodotti.[55] Il-kera kienet ta' €385 fix-xahar u kien inkera ghall-perjodu ta' sentejn u baqa' jiggedded sallum.[56] Ghal l-ewwel sentejn kienet hadet nofs l-ammont bi ftehim mal-attrici. Wara s-sentejn, peress li l-kontendenti kellhom problemi finanzjarji, kienet thallas il-kera direttament lill-attrici. Tghid ukoll li ma kienx hemm kuntratt ta' kera u l-kirja baqghet ghaddejja fuq il-kondizzjonijiet originali. L-inkwilin huwa 910. Dwar Dok. CAD 1 tikkonferma li dan kien hlas lil certu Fais li kien Libjan ghax-xoghol ta' tibjid u kisi li kienu jammontaw ghal €1850.

Oht l-attrici esebit l-FS3's tal-attrici ghall-perjodu bejn 2010 sa 2015[57] . Tghid li l-kuntratt ta' impjieg u verbali u ndefinit u kienet giet impjegata ma' Bel Brand Entertainment, peress li l-kumpaniji l-ohra li kienet tiggestixxi ma kellhomx bzonn impjegati addizzjonali. Tikkonferma ukoll li kien hemm zmien bejn Gunju u Novembru, fl-2014, fejn l-attrici ma thallsitx peress li l-kumpanija kellha problema ta' *cash-flow*. L-istess kienet ghamlet mal-impjegati kollha.[58] Tghid li ma setghetx tikkonferma minn fejn l-attrici, tul dan iz-zmien, kienet qed tircievi xi forma ta' introjtu, izda huma bhala familja kienu jissapportjawha hafna.

---

[55] Dok. CAC
[56] Ara Doks. CAD 1 – CAD 19
[57] Doks. CA 1 sa CA 8
[58] Dok. CAA

12.PL Quentin Tanti, in rapprezentantza tal-MFSA u r-Registratur Tal-Kumpaniji pprezenta diversi dokumenti relatati ma':-

e. CityPro Ltd.[59]
f. MIFS Investments Ltd.[60]
g. Real Time Real Estate Ltd.[61]
h. CP&77Ltd.[62]
i. Cafe' Del Mar Ltd.[63]

13. Nutar Dr. Roland Wadge kkonferma li ghandu fil-pussess tieghu s-somma ta' €89, 857.92 f'idejh li kien qed jamministra hu u din hija kumulu ta' zewg depositi fuq zewg kuntratti, proprjeta' fi triq Pace, Sliema[64] u l-ohra Sqallija, li kienet proprjeta' li kienet tappartjeni in parte lill-partijiet. Il-ftehim kien, ighid li din is-somma kellha tinzamm sakemm ma jkunx hemm ftehim u istruzzjonijiet biex jirrilaxxahom.

L-attrici esebit kopja tac-cekkijiet mahrug lin-Nutar ghall-hlas ta' prezz ta' sehem indiviz ta' terz tal-proprjeta' f'Sqallija.[65] Esebit ukoll il-hlasijiet tas-somma msemmija[66], kif ukoll esebit l-ircevuta mahruga mill-istess Nutar dwar id-detenzjoni tieghu ta' din is-somma. [67]

14. In-Nutar Herbert Cassar ikkonferma li fiz-zmien li l-partijiet kienu xtraw id-dar matrimonjali, l-Awtorita' tad-Djar dak iz-zmien kellhom policy li meta tassenja xi proprjeta' lill-gharajjes, l-assenjazzjoni ssir fuq dak mill-gharajjes

[59] Doks QT 1 – QT 4
[60] Doks. QT 5 0 Qt 8
[61] Doks. QT 9 – QT13
[6262] Doks. QT 14 – QT 17
[63] Doks. QT 18 – QT 20
[64] Dok. AME
[65] Dok. AMB
[66] Dok. AMC
[67] Dok. AMD

li jkollu l-oghla paga. Madanakollu, l-partijiet kienu ghamlu skrittura quddiem l-istess nutar li kkonferma li kienu ftehmu li minkejja l-proprjeta' u s-self kienu se jinghataw lil CB biss, effettivament, kollox kien qed isir b'mod ugwali bejn il-partijiet. Din kienet xi haga regolari dak iz-zmien, minhabba l-policy tal-Awtorita' tad-Djar.[68]

15. Martin Bajada, bhal Ufficjal Gholi fl-Awtorita' tad-Djar xehed dwar il-plot 17 gewwa Pembroke, li kienet giet allokata in segwitu ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Awwissu, 1983. Ikkonferma li f'kaz ta' gharajjes kien gie miftiehem li l-applikazzjoni kellha ssir minn wiehed minnhom. Bla ebda mod dan kien ifisser li l-gharus/al-iehor ma kellux x'jaqsam mal-allokazzjoni. F'kaz ta' zwieg ispecifika li jekk l-applikazzjoni saret fuq isem wiehed, il parti li ma gietx ddikjarata fl-applikazzjoni kellha tidhol ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' bejgh. [69] Ikkonferma ukoll li dina l-applikazzjoni kienet ghall-koppji u bniedem *single* ma kienx jikkwalifika ghall-allokazzjoni. Ghalhekk ghad-Dipartiment, l-art kienet tappartjeni lill-koppja.

16. Roseanne Spiteri Cutajar, assistant manager fil-life Department tal-kmpanija Citadel Insurance plc., dwar il-polza 5815 bl-isem Perla Savings Executive Plan ikkonfermat li kienet sabet polza tal-hajja numru 5865 li hija kongunta. Tghid li din il-polza kienet inharget fl-1 ta' Novembru, 2004 u ma jirrizultax li kien hemm xi beneficcjarju msemmi fil-polza. Din il-polza hija tat-tip savings bir-rata ta' 4.5% fis-sena garantit fuqha u timmatura fl-1 ta' Novembru, 2027. Izid tghid li l-valur tal-gejjieni ma jistax jigi pprevedut u dan peress jiddependi x'bonuses jakkumulaw mal-polza, oltre l-persentagg garantit.

[68] Dok. R
[69] Doks. MB 1 – MB 5

Tispjega li l-polza ghandha *surrender value* ta' €3, 339.68 u l-ahhar premium li thallas kien fil-15 ta' Novembru, 2012. Jekk ikun hemm nuqqas ta' pagament tal-premia, dawn jitnaqqsu mis-*surrender value* u jekk jibqghu ma jithallsux jibqa' jonqos is-*surrender value* sakemm dina l-figura tasal ghal 80% tal-valur tal-polza qabel l-addebitur, f'liema kaz il-polza tithalla tiskadi.[70]

Ikompli jghid li kien sab polza fuq vettura MIF 501 tal-marka Mitsubishi Pajero u hija mgedda sal-ahhar ta' Jannar, 2018. Il-valur tal-vettura skond il-polza kienet ta' €3, 200. [71]

17. James Mizzi, insurance broker li kkonferma li kien hemm tlett poloz fuq vetturi MIF 501, MIF 502 u MIF 303 u li kien anke ghamlilhom assikurazzjoni fuq id-dar residenzjali f'Pembroke. Esebit ukoll konvenju datat 9 ta' Dicembru, 2016 li sar quddiem in-Nutar Joel Grima fuq proprjeta' 69/3 Merchants Str, Valletta u liema proprjeta' tappartjeni lil Real Time Real Estate Ltd u lil Caps Doc. Ltd id-depozitu ta' €20, 000 fuq prezz ta' €200, 000 gie ddepositat man-Nutar.

Kien anke ghamlilhom polza dwar il-hajja u gew marbuta ma' Citadel Insurance plc.

Dwar il-vettura MIF 501, Mitsubishi Pajero jghid li attwalment il-vettura ghandha valur ta' €3,200.

Ikkonferma li MIF 052 hija l-vettura Ford Ca u sa 2017 ghandha valur ta' €1,200.

---

[70] Dok. RSC 1
[71] Dok. RSC 2

Il-vettura bin-numru MIF 053, tal-marka Mercedes A Class hija rregistrata fuq CB. L-ahhar li kienet assikurata mieghu kien fl-2014 u kellha valur ta' €3, 500.

Jikkonferma li dawn il-valuri gabhom mill Vehicle Value Guidebook. Mahrug mill-Assocjazzjoni tal-Assikuraturi Maltin.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

Illi l-attrici ppromoviet dina l-kawza u addebitat il-konvenut il-htija tal-firda minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u nkompatibilita' ta' karattru, filwaqt li l-konvenut eccepixxa l-istess addebiti, ghajr ghall-adulterju, fil-konfront tal-attrici.

Fix-xhieda taghha, l-attrici tat stampa cara taz-zwieg taghhom li kien ikkaratterizzat minn hafna xoghol u stinkar biex jidhlu fin-negozju tal-proprjeta'. L-attrici tat x'tifhem li hi u l-konvenut kienu jimxu id f'id sabiex in-negozju taghhom ta' *real estate* jirnexxi. Sas-sena 2012 ma jidhirx li kien hemm problemi bejniethom, izda l-attrici taccenna ghall-fatt li minn dak iz-zmien, il-konvenut kien beda jilmenta li kien qed ibati minn stress.

L-uniku ilment taghha fuq il-konvenut huwa li ma kienx joqghod attent fl-infiq tal-flus, ghax kien mohhu biex jinvesti f'iktar proprjeta' u ried dejjem iwettaq dak li jdahhal f'mohhu, bla ma joqghod iqis il-konsegwenzi. Ghalhekk b'hekk jirrizulta li l-uniku problema konjugali kienu jirrigwardaw it-tmexxija

tan-negozju u l-gestjoni finanzjarja tal-familja. Dawn per se ma jistghux jitqiesu bhal sevizzi jew ingurji, ghax ma wasslu ghal ebda intolleranza.

L-attrici kienet iktar konvincenti ghal dak li jirrigwarda l-adulterju tal-konvenut ma' QR. L-attrici saret taf iktar tard li l-konvenut kien qed ikun infidil lejha, meta rat lil siehbitu b'tarbija hierga mill-appartament fejn kien joqghod l-attur.

QR, m'ghadditx tomghod il-kliem u kienet pronta tikkonferma li kienet f'relazzjoni mal-konvenut u kienet ilha mill-ahhar tas-sena 2011. Dan iktar jikkombacja mal-problemi li zvillupaw fiz-zwieg, li bdew fis-sena 2012. Il-konvenut kien iddecieda li jitlaq mid-dar matrimonjali, fl-anniversarju tat-tieg taghhom, wara li kien ha parir minghand il-psikologu Dr.Ian Refalo, li skond il-konvenut kien issuggerilu li kellu jqatta' certu zmien wahdu. Kien ghalhekk li telaq mid-dar matrimonjali u ma regax lura. Fil-fatt, telaq fl-2013, ftit qabel ma twieldet l-ahhar tarbija tieghu. Inoltre, meta l-attrici kkonfrontatu fuq ir-relazzjoni ma' R ma nnegax.

Huwa evidenti li dawn il-fatti mhumiex ikkontestati u l-pretesti kollha avvanzati mill-konvenut sabiex jiggustifika t-tluq tieghu mid-dar konjugali u cioe' li kellu bzonn spazju biex jahseb u biex jara fejn irid imur b'hajtu, ma kienu xejn hlief fil-fatt pretesti u r-raguni vera kienet il-wasla taz-zmien tat-twelid tat-tarbija li kellu minn QR.

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita' tal-attrici, skond il-konvenut, irrendiet ruhha hatia ta' sevizzi, ingurji gravi u eccessi. Kif qal tajjeb il-perit legali fir-rapport tieghu, il-konvenut jaghmel hafna addebiti ta' nuqqasijiet fil-konfront tal-attrici, l-iktar li kienet mohha fix-xoghol u xhiha. Jattribwixxi

parti mill-problema li l-attrici ma kinitx tfittxu sesswalment u lanqas ma riedet iktar tfal.

Dawn l-addebiti kollha huma per se dghajfin wisq u jistghu biss potenzjalment jitieqsu bhala « sevizzi », « eccessi » jew ingurji gravi jew addiritura inkompatbilita ta' karattur.

Ghalhekk kif ben tajjeb irrelata Dr. Mark Simiana, fil-kapacita' tieghu bhala perit legali, huwa minnu li l-konvenut jakkuza lill-attrici li kienet xhiha u mohhha fil-kumpaniji. Problema ohra li jsemmi hija l-fatt li l-attrici ma riditx iktar tfal u dan halla impatt negativ fuq ir-relazzjonijiet intimi bejniethom. Il-provi tal-konvenut huma ghal kollox fjakki fil-konfront tal-attrici, ma gabx provi dwar ix-xjuhija taghha. Lanqas ma pproduca provi li l-attrici ma riditx iktar tfal, anzi kien hu stess li solva dina l-problema, ghax mar itaqqall mara ohra. Certament in-nuqqas ta' intimita' bejn il-partijiet iwassal ghall-problemi fiz-zwieg, izda dina l-Qorti hija iktar konvinta li kien il-konvenut stess li kien beda jevita l-intimita' peress li kien qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra.

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti u wara debita konsiderazzjoni tal-provi kollha prodotti, il-htija tal-kontendenti tistrieh unikament fuq l-adulterju tal-konvenut.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Dina l-Qorti ser ikollha tipproduci dak deciz mill-perit legali Dr. Mark Simiana, in kwantu taqbel mal-konkluzzjonijiet ragunti minnu. L-attrici minn dejjem kienet *self-sufficient* u dejjem hadmet anke tul iz-zwieg. Ghamlet zmien sostanzjali tahdem bhala *estate agent*, imbaghad kienet bdiet taghmel dan ix-xoghol flimkien mal-konvenut u bdew in-negozju taghhom.

Presentment l-attrici tahdem ma' ohtha fil-kumpanija Bel Brand Entertainment Ltd. Mill-FS3's li gew esebiti jirrizulta li l-attrici ghandha paga li tvarja bejn €17,500 u €18,719 fis-sena, li jirrapprezenta d-dhul taghha tas-sena 2015.[72]

Huwa minnu ukoll li dina l-Qorti waslet biex ikkonkludiet li l-konvenut kien unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, izda l-attrici ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha.

Madanakollu kif gie enuncjat fis-sentenza **Josephine Concetta sive Joconnie Chircop vs Oreste Chircop (App. Superjuri 28.03.2014):-**

***« Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, u dan ex abundanti cautela kien ikun bizzejjed li l-Qorti tafferma d-dritt tal-appellata li tesigi manteniment minghand l-appellant bhala l-parti hatja tal-firda fil-kaz li din tisfa bla mezzi adegwati sabeix tmantni lilha nnifsha… »***

L-istess insenjament ghandu japplika f'dan il-kaz, billi tigi michuda t-talba ghall-manteniment, b'dan li jigi riservat lilha l-jedd *si et qautenus u rebus sic stantibus* fl-eventwalita' li hija tkun tehtieg manteniment minghand il-konvenut minhabba tnaqqis fil-mezzi taghha.

[72] Xhieda ta' Claudine Attard bhala Dok. CA1 – CA 6.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-iktar parti kkontestata ta' dina l-kawza hija l-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti. Mill-provi jistghu jigu elenkati s-segwenti assi:-

i) Id-dar konjugali f'Pembroke, triq Don Luigi Rigord, bin-numru 68 u maghrufa bl-isem « Melody 17. » ;
ii) Il-fond b'zewg numri 8 u 9 fi Triq Sant' Anglu, fl-Isla, bl-arja relattiva ;
iii) 65/66 Triq il-Merkanti, Valletta ;
iv) 69/4 Triq il-Merkanti, Valletta ;
v) Kirja ta' fond fi Triq San Pawl, Valletta;
vi) Arja sovrastanti nru. 21, Whitehouse Appartments, Triq San Gwann, Bormla;
vii) Vetturi Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni MIF 051 u Ford KA bin-numru ta' registrazzjoni MIF 052;
viii) Depoziti f'idejn in-Nutar Dr. Roland Wadge, rapprezentanti rikavat minn bejgh ta' proprjeta' immobbli u cioe' proprjeta' fi Sqallija u ohra f'Pace Street, Sliema;
ix) Polza t'assikurazzjoni fuq il-hajja tal-kontendenti bin-numru 5865 mal-kumpanija Citadel Insurance plc. Mirhuna mal-Bank of Valletta plc. li mistennija timmatura fl-1 ta' Novembru, 2027, b'valur f'kaz ta' cessjoni tal-polza ammontanti ghal €3,339.68, liema valur dejjem jonqos bl-addebitar tal-premia mhux imhallsa mill-kontendenti;
x) Azzjonijiet fil-kumpanija CityPro Ltd.;
xi) Azzjonijiet fil-kumpanija Real Time Real Estate Limited;
xii) Azzjonijiet fil-kumpanija Mifs Investments Ltd;
xiii) Azzjonijiet fil-kumpanija CP & 77 Limited;
xiv) Azzjonijiet fil-kumpanija Café' Del Mar Limited;

xv) Kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc;

xvi) Kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc.;

xvii) Numru ta' shareholders loans mal-kumpaniji fuq imsemmija.

Bhala dejn formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta s-segwenti:-

i) Dejn versu l-Bank of Valletta plc. fejn id-debitur principali hija l-kumpanija CityPro Ltd;[73]

ii) Dejn versu Bank of Valletta plc. fejn id-debituri huma l-kontendenti biss;[74]

iii) Dejn versu l-HSBC Bank Malta plc. fejn il-kontendenti huma uhud mill-garanti solidali ta' Maria Mifsud, oht il-konvenut ;[75]

iv) Dejn versu oht l-attrici ghall-ispejjes maghmula ghal xogholijiet ta' tisbih, miljoramenti u benefikati ohra fi proprjeta' fi Triq San Pawl, Valletta.[76]

Il-Qorti sejra tqis wahda wahda l-kwistjonijiet relattivi ghall-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>Id-dar matrimonjali</u>**

Fl-1983, il-kontendenti kienu applikaw ghal porzjon diviz t'art minghand il-Gvern f'Pembroke. Irrizulta mix-xhieda prodotta li kienet prassi tal-Awtorita'

[73] Ara fol. 120-127 u 120-133
[74] Ara fol. 128 - 129
[75] Ara fol. 134 u 135
[76] Ara x-xhieda ta' Claudine Attard tal-1 ta' Gunju. 2016.

tad-Djar li jekk il-koppja kienu gharajjes, kellu jidher biss l-gharus fuq l-applikazzjoni, kif ukoll fuq il-kuntratt ta' bejgh.

Malli nghataw l-art, l-attrici kienet ghaddiet xi flus lill-konvenut u peress li ma kinitx kuntenta li l-konvenut biss kien qed jidher fuq il-kuntratt, kienu qablu li jaghmlu skrittura privata quddiem in-Nutar Pubbliku Herbert Cassar datata 23 ta' Ottubru, 1985 fejn qablu li l-propjeta' in kwistjoni tappartjeni ugwalment bejniethom. L-istess rapprezentat tal-Awtorita' tad-Djar ikkonferma li meta hargu l-applikazzjonijiet, dawn kienu ghall-koppji u qatt m'applikat ghas-*singles* u ghalhekk dejjem ikkonsidrat li l-proprjeta' tappartjeni lit-tnejn.

**<u>Id-Dirett Dominju tal-fond bin-numru 79, The Strand, Sliema</u>**

Il-fond 79, The Strand, Sliema kienet tappartjeni lill-genituri tal-konvenut. Il-kontendenti kienu akkwistaw sest indiviz tad-dritt ta' dirett dominju temporanju ghaz-zmien li fadal sal-31 ta' Dicembru, 2015 u l-pjena proprejta' wara l-imsemmija data u dan permezz ta' kuntratt tan-Nutar Pubbliku Roland Wadge tas-26 ta' Settembru, 2012. Il-kontendenti akkwistaw il-jedd ta' dirett dominju jew ahjar ta' sest indiviz ta' dan il-jedd.

Il-konvenut jinsisti li dina l-proprjeta' hija parafernali peress li kienet tappartjeni lill-familja tieghu, filwaqt li l-attrici tikkontendi li l-proprjeta tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet ragunati mill-perit legali Dr. Mark Simiana li l-akkwist tal-jedd tas-sest indiviz bilfors kellu jsir flimkien mal-kontendenti u dan ghaliex l-akkwist ta' dak il-jedd jikkostitwixxi jedd ta' amministrazzjoni straordinarja, a tenur tal-Artikolu 1322(3)(a) tal-Kodici Civili.

In konkluzzjoni, il-fatt li mill-1 ta' Jannar, 2016 id-dritt dominju sar dritt in piena proprjeta' iwassal ghall-istess proprjeta' biex tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Kif ben spjega l-perit legali, il-fidi sar b'att pubbliku u sar b'titolu ta' bejgh u mhux b 'titolu ta' fidi u dan kellu jsir mhux minhabba xi jedd parafernali tal-konvenut, imma ghaliex kien hemm *idem placitum consensus* sabiex jigu ttrasferiti l-imsemmija drittijiet. Din it-tesi hija iktar msahha kif spjega l-perit legali, peress li fil-kuntratt tan-Nutar Dr. Roland Wadge fis-26 ta' Settembru, 2012 jinghad espressament li l-akkwist tas-sest indiviz *de quo agitur* kien qed isir mill-kontendenti « jointly and indivisibly between them » u huwa car u inekwivokabbli li l-attrici xtrat flimkien mal-konvenut.

**<u>8/9 Triq Sant'Anglu, Isla</u>**

Il-fond b'zewg numri 8 u 9 fi Triq Sant' Anglu, Isla, bl-arja relattiva gie akkwistat mill-kontendenti f'isimhom perosnali b'att pubbliku fl-att tan-Nutar Roland Wadge tat-30 ta' Novembru, 2004.

Il-konvenut qed jinsisti li dina l-proprjeta' tinghata lil binthom, ghax l-intiza, meta nxtrat dina l-proprjeta' kienet sabiex tigi zviluppata *f'boutique hotel* u bint il-kontendenti toqghod fuq. L-attrici ma kinitx disposta li jsir dan, bil-konsegwenza li bintha llum lanqas tkellimha.

Hemm ukoll dizgwid in kwantu jirrigwarda l-valur tal-proprjeta' stante li l-attrici tinsisti li l-proprjeta' tiswa' ghall-in cirka bejn €400,000 u €450,000 u dan gie kkonfermat minn Stanley Carter mill-agenzija ta' proprjeta' Perry, filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-valur ivarja bejn €800,000 u miljun,

Kif issottomettiet l-attrici, dina l-Qorti mhix kompetenti li thalli din il-proprjeta' in komun sabiex tinghata bhala donazzjoni lil binthom, izda ghandha tidhol taht il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti u hekk tigi likwidata u assenjata.

Ghandu jigi pprecizat ukoll li hemm talba pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex dan il-fond jinbiegh lil terzi.

**Il-fond 65/66 Triq il-Merkanti, Valletta**

Dan il-fond kien qed jigi gestit bhala hanut u mix-xhieda rrizulta li s-socjeta' CityPro kienet kriet l-istess fond lil bint il-kontendenti, li min-naha taghha kienet issullokat lil certu WX. Dan ikkonfermah hu stess, li kien hemm skrittura privata fis-16 ta' Mejju, 2016. Kien hallas is-somma ta' €42,000. Mal-ftehim kien hallas is-somma ta' €25, 000 kif ukoll l-ewwel tlett xhur kera li kienu miftiehma bir-rata ta' €100 *per diem*. Irrizulta ukoll li hallas €16, 500 mal-hrug tal-permessi. Hu ighid li dejjem hallas lil bint il-partijiet DB sa Novembru, 2017.

Illi jirrizulta ukoll li din il-kirja, flimkien ma' kirijiet ohra. Huwa l-meritu ta' kawza ohra li tinstab pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **AB vs CB u CityPro Limited u DB (Rik. 786/2014 MH).**

**Vetturi**

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-vetturi li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:-

i) Mitsubishi Pajero numru ta' registrazzjoni MIF 501 b'valur ta' €3,000;
ii) Ford KA numru ta' registrazzjoni MIF 502 u skond l-ahhar valutazzjoni tal-assikurazzjoni din kienet tammonta ghall-valur ta' €1,200;

iii) Mercedes A Class numru ta' registrazzjoni MIF 503 u kienet registrata fuq valur ta' €3,500 sas-sena 2014, imbaghad din giet trasferita fuq bint il-partijiet.

Il-Mitsubishi tinstab ghand il-konvenut. Dwar il-Ford Ka bint il-kontendenti DB xehdet li dina l-vettura kienet irrizultat nieqsa mill-garaxx adjacenti mad-dar matrimonjali, imbaghad kienet instabet f'kundizzjoni hziena fil-vicinanzi. Bint il-kontendenti tixhed il-htija fuq l-attrici peress li hi biss u l-attrici kellhom ic-cwievet.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit legali li ma tressqux provi sufficjenti sabiex fuq grad ta' probabilita' l-vettura ttiehdet mill-attrici.

Dwar il-Mercedes ukoll irrizulta li din Il-vettura bin-numru MIF 053, tal-marka Mercedes A Class hija registrata fuq DB. L-ahhar li kienet assikurata fuq il-konvenut kien fl-2014 u kellha valur ta' €3,500.

Ghaldaqstant, peress li l-provi kollha jindikaw li l-vetturi jinstabu ghand il-konvenut, ai finijiet tal-likwidazzjoni tal-komunjoni, ifisser li ghandu jhallas nofs il-valur ta' dawn il-vetturi lill-attrici.

**<u>KONTIJIET BANKARJI</u>**

Ghal darb'ohra dina l-Qorti taqbel ma' dak konkluz mill-perit legali in kwantu jirrigwarda l-kontijiet bankarji. Jirrileva li l-partijiet ma ressqux xi kontestazzjonijiet dwar il-flus gol-kontijiet bankarji.

Wara li l-perit legali kkunsidra l-htija tal-konvenut a bazi ta' adulterju, u applika l-penali taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

wasal biex iddecieda li l-kontijiet bankarji kongunti u dawk f'isem il-konvenut ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet. In kwantu jirrigwarda l-kontijiet bankarji tal-attrici dawn ghandhom jigu assenjati lilha, inkluz kwalsiasi introjtu taghha ppercepit mill-hidma taghha stess b'effett mill-1 ta' Dicembru, 2011 u cioe' d-data minn meta effettivament il-konvenut ikkommetta adulterju.

Hemm ukoll id-depositi ta' flus ghand in-Nutar Roland Wadge li jammontaw ghal €173,950 skond l-attrici u dan wara fl-iskema li pprezentat quddiem dina l-Qorti fl-osservazzjonijiet taghha, kienet naqset id-dejn dovut lejn ohtha S.

**<u>POLZA TA' ASSIKURAZZJONI</u>**

Il-polza ta' assikurazzjoni hija mirhuna mal-Bank of Valletta plc u minhabba li kien hemm nuqqas ta' hlas tal-premia, dan ser jirrizulta f'tnaqqis tal-valur tal-polza. Sakemm jigu saldati d-djun mal-bank, din il-polza ma tistax tigi rrilaxxata u jekk ikun il-kaz, jekk ikun ghad hemm valur, dan ghandu jigi likwidat tramite *surrender* tal-polza u jigi diviz f'ishma ugwali bejn il-partijiet.

**<u>DJUN</u>**

Dwar id-djun bankarji sal-ahhar ta' Dicembru, 2019, id-dejn ezistenti mal-banek kien jammonta ghal €475, 000 peress li jinkludi l-imghaxijiet.

**<u>SOCJETAJIET KUMMERCJALI</u>**

Il-partijiet huma l-unici azzjonisti tas-socjetajiet CityPro Ltd., Realtime Real Estate Limited u Mifs Investment Limited. Mill-provi rrizulta li dawn il-kumpanijiet m'ghandhomx aktar assi.

Jezistu ukoll is-socjetajiet CP & 77 Ltd u Café' Del Mar Ltd. Izda minkejja li ssemmew mill-perit legali, lanqas wiehed mill-partijiet m'ghamel referenza ghalihom fis-sottomissjonijiet taghhom. Irrisulta li Café' Del Mar ltd inbieghet fis-Sajf tal-2015, u ghalhekk ma hemmx likwidazzjoni x'jsir f'dan ir-rigward. Kwantu ghal CP & 77 ltd, din tista' tigi assenjata lill-konvenut.

Wara li dina l-Qorti qieset il-provi kollha prodotti quddiemha u wara li kkunsidrat li l-konvenut huwa hati tat-tifrik taz-zwieg minhabba adulterju ghandha tapplika ukoll id-dekadenza fil-konfront tieghu ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonkludi li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata u assenjata fis-segwenti mod:-

**i) Attrici**

a) 68, Triq Don Luigi Rigord, Pembroke ;
b) Terz indiviz tal-arja sovrastanti 21, White House Appartments, Triq San Gwann, Bormla;
c) Sehem ta' nofs indiviz tal-fond 69/4, Triq Merkanti, Valletta ;
d) Depozitu mizmum minn Nutar Roland Wadge fl-ammont ta' €173, 950;
e) Il-flus depositati l-Qorti fis-somma ta' €10, 000 ;
f) L-ishma fis-socjetajiet RealTime Real Estate Ltd u Mifs Investment Limited;

Ma' dan ghandu jizdied li ghandha tinhareg ipoteka specjali registrata favur taghha kif mitlub biex tigi indennizzata mill-obbligu ta' hlas ta' dejn u b'surroga fid-drittjiet tal-kreditur f'kaz illi thallas tali dejn in parte jew in toto.

**ii) Konvenut**

a) 65/66, Triq Merkanti, Valletta;

b) 8/9 Triq Sant'Anglu, l-Isla;
c) Sehem ta' sest indiviz tal-fond 79, Triq ix-Xatt, Sliema ;
d) Djun bankarju fl-ammont ta' cirka €475, 000 ;
e) Vettura Pajero MIF 051, Ford KA Mif 502, Mercedes A Class MIF 503;
f) Kirja tal-fond gewwa triq San Pawl, Valletta;
g) Il-mobbli fil-pussess tieghu ;
h) Ishma u avvjament ta' CityPro Limited, l-ghamara u l-fittings;
i) Ishma fis-socjeta' CP & 77 ltd;
j) Kera minn DB sa Novembru, 2019.
k) Curkett tad-deheb u pittura ta' missieru, u pitturi ohra ta' Winston Hassell u David Pisani.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, bil-htija attribwibbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' adulterju.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici ;

3. Tichad it-tielet talba attrici, b'dan pero' li qed jigi rizervat lilha l-jedd *si et quantenus* u *rebus sic stantibus* fl-eventwalita' li hija tkun tehtieg manteniment minghand il-konvenut minhabba tnaqqis fil-mezzi taghha;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u ai finijiet ta' dan l-Artikolu d-data rilevanti ghandha tkun dik tal-1 ta' Dicembru, 2011;

5. Tichad il-hames talba attrici stante li ma jirrizultax li kien hemm beni ta’ dina x-xorta ;

6. Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi michuda billi lanqas ma rrizultaw krediti parafernali tal-attrici;

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici u tikkonferma li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ghandha ssir kif fuq imsemmija u dan minkejja li ghad hemm pendenti diversi kawzi, fosthom 786/2014 MH u 583/2014 JZM ;

8. Tichad it-tmien talba attrici;

9. Tilqa’ d-disa’ u l-ghaxar talbiet;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Anthony G . Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**